SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Gimgha 31 ta'Lulju 2009 fil-10:30 ta' filghodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca

Skuzat: Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 <u>Korrispondenza</u>**

3.1 Gew trattati l-applikazzjonijiet tal-izvilupp tal-MEPA bin-numri PA 1892/09, PA 6167/08, PA 1638/09, PA 2416/09, PA 2672/09, PA 2418/90, PA 2292/09 u PA 2702/09. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

3.2 Giet tratta l-ittra minghand il-Kumitat tal-Festa San Lawrenz dwar l-gheluq ta' Triq San Lawrenz fil-gurnata tas-Sibt tal-festa in konnessjoni mag-giggifogu. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghtihom permess pero sar qbil li wasal iz-zmien li jigi kkunsidrat xi post iehor fejn jigi armat ig-giggifogu minflok Triq San Lawrenz. Il-Kunsill ippropona li ghandu javza lil Kumitat dwar dan qabel sew il-Festa tas-sena d-diehla.

3.3 Giet trattata wkoll l-ittra minghand il-Go rigward ilment li tressaq mill-Kunsill ghall-slow ADSL f'San Lawrenz meta l-klijenti qed ihallsu ta' aktar speed. Il-Kumpanija fehmet il-preokkupazzjonijiet taghna u weghditna li ser taghmel dak kollu possibli biex din il-problema tigi rrimedjata fl-iqsar zmien possibli.

3.4 Is-Sindku ta randikont ta fejn wasal il-progett tal-installazzjoni tas-solar heaters fejn qal li miexi gmielu Huwa semma li kien hemm xi lmenti minn xi uhud li ma kienx qed isahhan izda dawn gew irrimedjati mill-kumpanija. Is-Sindku semma li l-Onor Chris Said ikkonfermalu li ser jghaddilna s-somma ta' €10,000 ghal dan il-progett u li ghaliha ser issir konferenza stampa.

**4.0 Festa tat-Tadam**

4.1 Is-Sindku semma li kollox jinsab preparat ghall-ewwel edizzjoni tal-Festa tat-tadam u jittama li tkun success. Huwa semma li minn naha tad-Dipartiment tal-MRRA ser jinvestu f'reklamar fuq it-televizjoni u fuq il-gazetti. L-ghaqdiet tar-rahal ser jiehdu hsieb il-bejgh tal-ikel u x-xorb u l-qliegh kollu jibqa ghalihom. Il-Kunsill ser ikun inkarigat biss mill-ispejjes tal-entertainment ta' waqt is-serata. Sar qbil ukoll li l-banda ser tithallas mill-MRA.

**5.0 Festa San Lawrenz 2009**

5.1 Is-Sindku semma li issa li waslet il-festa jinhtieg li bhas-snin ta' qabel il-Kunsill ghandu jahseb sabiex jikri sett mobile toilets. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.2 Sar qbil ukoll lib has-snin l-ohra l-Kunsill ghandu jhallas is-somma ta' €350 billi jisponsorja l-attivita' tag-giggifogu tal-gimgha.

5.3 Bhala meals on wheels nhar l-10 t'Awissu, sar qbil li dawn ma ghandhomx jitqassmu issemma li l-ahhar li tqassmu xi anzjani lmentaw minnu. Il-Kunsill hass li affarijiet bhal dawn ma humiex accettabbli u ghalhekk hass li dan jispicca jkun hela ta' flus u ilna nhossu li qed isir abbuz minnhom, ghax mhux verament kull min jiehdu jghix wahdu jew ma ghandux minn jiehu hsiebu. Ghalhekk sar qbil li l-Kunsill ghandu jevalwa liema huma l-vera kazijiet socjali u jinghataw lilhom biss. Gew identifikati ftit nies li verament ghandhom bzonn u gie deciz li jinghata lilhom biss.

**6.0 Embellishment maz-zuntier tal-knisja**

6.1 Is-Sindku rrefera ghax-xoghol fuq li qed isir fuq iz-zewg pots kbar tal-injam ghal magenb il-knisja. Huwa semma li x-xoghol miexi u qed nistennew li jkunu lesti ghal jiem tal-festa. Sar qbil li fihom inhawlu xi sigra tal-frott preferabilment sigra tac-citru u taht ghandhom jimtlew bix-xitel tal-ward

**7.0 Materji ohra**

7.1 Is-Sindku rrefera ghan-nominazzjoni tat-Tieqa tad-Dwejra ghal wahda mis-7 Wonders of the World. Huwa semma li kif fejn stajna konna ta' ghajnuna rnexxielna biex permezz tat-televoting tal-pubbliku poggejniha fis-77 post. Fl-

ahhar fazi li tintghazel mill-gurija ma gietx maghzula mat-28 finalisti. Il-Kunsilliera lkoll qablu li xorta kien success kbir u sodisfazzjon.

7.2 Il-kunsilliera Luigia Grima enfrassizzat li d-Dwejra jinhtieg li jsir management. Is-Sindku ssugerixxa li wara li jghaddi s-sajf ghandna nohorgu bi proposta minn naha taghna li tkun tinkludi fiha s-sajd ukoll.Hija ssugeriet ukoll li ghandhom isiru xi tip ta' railings fit-telgha tal-kapella Sant'Anna fid-Dwejra.

7.3 Is-Sindku rrefera laqgha li saret mas-sidien tal-kiosks rigward il-permessi tal-festa. Huwa semma li kienet laqgha pozittiva hafna. Wara li offrilhom zew offerti; dik li jew jifthemu bejniethom u jibqghu fejn huma jew inkella jtellghu l-polza bix-xorti, huma ghazlu li jibqghu kif inhuma.

7.4 Is-Sindku rrefera ghall-multilateral exchange li nzammet f'San Lawrenz bejn il-11 u t-18 ta' Lulju 2009. Huwa semma li kienet esperjenza pozittiva hafna li z-zghazagh taghna ma huma ser jinsewha qatt u li zgur li minnha kisbu hafna taghlim. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsilliera kollha u lin-nisa taghhom tas-sehem dedikat li taw waqt dan l-iskambju. Huwa rringrazzja b'mod partikolari lil Lawrence Cauchi flimkien mal-group taz-zghazagh li hadmu bla heda ghal dan l-exchange.

7.5 Sar qbil li mportanti li sal-laqgha li jmiss niksbu stima tar-roadhumps jew marking lines biex niddeciedu liema ser naghmlu fit-toroq taghna.

7.6 Is-Sindku semma li l-wirja tar-ritratti ta' San Lawrenz li ser tinzamm fil-gimgha tal-festa magenb il-knisja ser tigi nawgurata l-gimgha fil-ghaxija u l-kultura ser tiehu hsieb tibghat invit f'kull dar.

Il-laqgha ntemmet f'nofsinhar.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***